**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A41/10

26 ta' Marzu 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/41**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar **il-Ħamis 06 t' April 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira, wara kusultazzjoni mal-Kunsillieri minħabba l-fatt, li għall-laqgħa tal-Ħamis 1 t'April 2010, ma kienx hemm kworum.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Insurance Policy*
6. Sejħa għall-Offerti dwar Skart Imħallat
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

29 t' April 2010

Ref Nru.Klg5/041

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/41 li saret it-Tlieta 6 t' April 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-26 ta' Marzu 2010.

Il-laqgħa saret fis-6 t'April 2010 minħabba l-fatt, li għall-laqgħa ta' l t'April 2010, ma kienx hemm kworum.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 6 t'April 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Il-Viċi-Sindku ressaq emenda f'paġna Nru: 14 para 7.1. wara l-kliem 'Silvio Frendo', trid tiżdied il-frażi 'li kien irreferih għall-persuna li kien jagħmel il-kuntrati fi ħdan id-Dipartiment tal-kuntratti'

Emenda oħra li tressqet mill-Viċi-Sindku kienet, f'paġna Nru: 16 para 11.3 wara l-kliem ' dawl u ilma' trid tiżdied il-frażi ' Il-laqgħa kienet saret u l-minuti ġew iffirmati'.

Il-Kunsillier Anthony Abela ssekonda l-emendi hawn fuq mressqa.

**1.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'paġna Nru: 10 – para 8.3. wara l-kliem '25 ta' Frar 2010', trid tiżdied il-frażi, 'Il-Kunsillier Victor Rutter ma setax jattendi minħabba li kien indispost filwaqt li l-Kunsillier Ian Micallef kellu mpenn ta' xogħol.

Minħabba li ma kienx hemm aktar emendi, l-minuti kif emendati ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna Nru: 3 – para 2.3.** re: *Midi plc*

Iċ-*Chairman* ta' rendikont l-għala l-laqgħa li kellha ssir fil-11 ta' Marzu 2010, fil-5.30 p.m. fl-uffiċċju tal-*Midi plc* ma saritx u eventwalment din ġiet postposta għal wara l-festi.

**2.2. Paġna Nru: 3 para 2.4. – 2.5 – 2.6.**

Il-Viċi-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li kellu ma' rappreżentanti tat-*TM*, l-Perit Lara Demicoli u Stephanie Bonello fejn matulha ġew diskussi s-segwenti.

***Un/Loading Bay-Triq Ponsonby***

It-*TM* infurmat, li sa dak in-nhar ma kienet irċeviet ebda applikazzjoni mis-Sur Stivala kif ukoll infurmat, li sabiex din tkun tista' tiġi proċessata, kien jeħtieġ li tiġi vverifikata l-approvazzjoni tal-*MEPA*.

B'eżitu tal-kumment tal-Viċi-Sindku, dwar in-numru tal-*Un/Loading Bays* f'din it-triq, it-*TM* kellha tagħmel eżerċizzju biex tivverifika l-validita' tagħhom.

***Alighting/Boarding Bay-Triq Ix-Xatt***

Abazi tal-kumment tal-Viċi-Sindku, li skont is-Sur Stivala propjetarju tal-*Bayview Hotel,* l-*Alighting/Boarding Bay* titwal skont il-faċċata tal-lukanda, l-Perit Lara Demicoli wieġbet fin-negattiv u pproponiet li Uffiċjali mill-*Unit* tagħha, kellhom jerġgħu jkejluha biex tiġi regolarizzata.

**Un/*Loading Bay-Triq il-Flotta***

Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* datata 15 ta' Marzu 2010, li l-*Un/loading Bay* hawn fuq msemmija, għandha tibqa' fejn hi pero,' t-tul tagħha jrid jitnaqqas sa tul spazju ta' van.

Għalhekk, dan il-każ ġie magħluq.

**2.3. Paġna Nru: 5 – para 3.5.**

Iċ-*Chairman* ma setax jattendi għall-*Business Breakfast* li sar is-Sibt 6 ta' Marzu 2010, fil-*Palace Hotel Sliema* rigward l-*E-Councils Launch* mniedi mid-ditta *TcTC* minħabba li kien indispost.

**2.4. Paġna Nru: 11 – para 3.13**

Rigward *Reserved Parking* quddiem id-Dar ta' l-Anzjani tal-Gżira, l-Viċi-Sindku qal, li hu kien għamel *site-inspection* u din għandha tinbidel f'*Keep Clear*.

**2.5. Paġna Nru: 12 – para 3.18. – tħaffir ta' gandott fi Triq E. Giordano**

Rigward is-suġġet hawn fuq imsemmi, nqara r-rapport tal-Perit li kienet saret *site inspection* mis-Sur George Cardona, rappreżentant tal-Perit, fejn ġie kkonfermat li seta' jiġi kostruwit *gutter* matul il-bankina sabiex l-ilma ma jinxteridtx. L-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jingħataw lill-kuntrattur wara l-approvazzjoni tal-Kunsill pero' il-*grid* trid tkun tal-*cast iron* u mhux tal-*plastic*.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Viċi-Sindku nnota li r-rapport kien qed jirreferi għal *seepage water* u talab li din terġa' tiġi verifikata għaliex ma xtaqx li l-Kunsill ikun iffaċċjat b'sitwazzjoni bħalma għandna fil-parti ta' fuq ta' Triq Carlo Manche'

Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Viċi-Sindku u ġie deċiż, li għandha terġa' ssir *site-inspection* oħra li għaliha għandu jkun preżenti s-Sindku.

### 2.6. Paġna Nru: 13 para 6 – Sejħa ta' Offerti għar-*re-surfacing ta' Toroq*

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sejħa għall-Offerti kienet ġiet ippubblikata u d-data ta' l-għeluq kienet is-27 t'April 2010, f'nofs in-nhar. Hi kompliet tgħid, li ebda risposta dwar il-ħlasijiet dovuti mill-Kunsill lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma ma kienet waslet għall-ittra li ntbagħtet lil Onor Chris Said, lid-Direttur – Dipartiment għall-Gvern Lokali u lis-Sur Michael Cohen, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Madanakollu, minn informazzjoni li ġabret minn Kunsilli oħra jirriżulta, li dan hu l-i*standard agreement* tal-Korporazzjoni hawn fuq imsemmija għal xogħlijiet ta' toroq ippjanati mill-Kunsilli Lokali.

### 2.7. Paġna Nru: 15 – para 10.1.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-awdituri *Grant Thornton* kienu bdew l-*audit* fit-18 ta' Marzu 2010, pero' dan kellu jieqaf minħabba, li l-*Accountant* Antione Portelli ma kienx tagħhom it-*Trial Balance* f'*excel format* kif riduha *Grant Thornton* iżda f'*pdf format* u kien għadu lesta biss 70% tax-xogħol.

L-awditur Abigail Bartolo infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv, li apparti dan, hu kien qed juża s-*sage line 50* u mhux is-*sage pastel* (is-*software* provdut mill-Kunsill lil Antoine Portelli u kif hemm fl-*Expression of Interest*) kif ukoll, biddel l-istruttura u l-voti ta' l-*accounts* minn dik kif stabbilita fil-proċeduri finanzjarji tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali. Hi kompliet tgħid, li l-*Accountant* ma kienx ikkonsulta mal-Kunsill dwar dawn il-bidliet u għalhekk kien għamel dan, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-istess Kunsill kif ukoll, b'eżitu ta' dan, kienet ser tinħoloq problema biex il-Kunsill ikollu *back up* fuq is-sistema tiegħu għaliex għal dawn l-aħħar ħames snin, kien qed juża' s-*sage pastel*. Madanakollu, l-istess awditur Abigail Bartolo infurmat, li filwaqt li l-istruttura u l-*accounts* ma jistgħux jinbidlu u għalhekk l-*Accountant* jrid jirrivedihom kollha (jiġifieri mill-1 t'April 2009), d-Dipartiment kien aċċetta li jintuża' s-*sage line 50* minkejja l-fatt, li kien l-istess Dipartiment li n-negozja ftehim biex il-Kunsilli Lokali jaddottaw is-*sage pastel* kif għamel dan il-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill jistenna r-risposta ta' l-awdituri.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-6 t' April 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-granet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-membri tas-Sotto-Kumitat ta' l-Anzjani kienu attendew għan-nominazzjoni tan-*Nazzareno Vassallo Award* li kienet saret dak in-nhar stess jiġifieri 6 t'April 2010, f'Casa Arkati Mosta u li għaliha kienu ngħataw Ċertifikat ta Rikonoxximent.

**3.4.** Il-Kunsill ma setax jilqa' t-talba għall-għotja ta' €50 lid-ditta *Gaffiero Productions* u dan skont *Memo 65/2009.*

**3.5.** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Charles Borg li qal, li kien preżenti waqt l-inċident li sar fi Triq Gżira fuq il-vettura TFJ 337 tas-Sur Muscat li għaliha kien qed jintalab rimborż ta' €3,000 mis-Sur Muscat għall-ħsarat mġarba fuq din il-vettura.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament, li dan il-każ jiġi riferut għall-gwida ta' l-Avukat Woods kif ukoll, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li skont ir-ritratt, jidher li l-*pothole* li fuqha kien qed jiġi allegat li saret il-ħsara kienet, tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma.

**3.6.** Rigward talba li kienet saret minn resident fi Pjazza Kubrit biex isir *shade* għall-bozza li hemm fl-istess pjazza, ġiet ippreżentata kwotazzjoni mid-ditta J.F. Mallia Ltd għall-ammont ta' €190.00 mhux għal *shade* iżda għal *harbour type bracket,* il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li dan ta' l-aħħar flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela u l-kuntrattur, għandom jagħmlu *site inspection* u jekk jaqblu mal-kwotazzjoni, jipproċedu.

**3.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra mibgħuta mill-Kulleġġ Sta Klara fejn ġejna nfurmati li fil-21 t'April 2010, ser issir *Sports/Fun Day* f'Pembroke organizzata mill-Kulleġġ flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Gżira, Pembroke, Swieqi, San Ġwann u Sliema. Hi kompliet tgħid, li membri mill-Kunsill kienu mistiedna, xtaqu jisselfu l-bandiera tal-Kunsill Lokali għall-*March Past* kif ukoll, tingħata xi għajnuna minħabba l-ispejjeż.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech, li nisilfuhom il-bandiera tal-Kunsill pero' minħabba l-fatt, li skont *Memo 65/2009*, il-Kunsilli Lokali huma projbiti li jagħtu donazzjoni ġie ssuġġerit, li jinfurmawna x'kienu l-ispejjeż relatati sabiex tiġi organizzata waħda mill-eventi.

**3.8.** Il-Kunsill qabel mar-risposta li ħejja l-Perit tal-Kunsill dwar *Proposed Plan & Section of Culvert – Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex* fejn tgħid, li l-manutenzjoni tas-sistema tal-*culvert* la darba dan ikun qed jiffunzjona, taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali. (ara *Appendix* Nru: 1).

Tressaq suġġeriment mill-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament miegħu, li flimkien mar-rapport tal-Perit għandu jiġi ssuġġerit jekk din is-sistema tistax tiġi estiża għal Triq ix-Xatt.

**3.9.** Il-Kunsill ġie nfurmat li b'referenza għall-applikazzjoni tiegħui għall-iskema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali skont *Memo 32/2010*, l-Gvern Ċentrali kien ser joħroġ 50% ta' l-ispejjeż tal-Kunsill Lokali jiġifieri s-somma ta' €8,500.

**3.10.** Ġie deċiż li ċ-*Chairman*, il-Kunsillier Anthony Grech u s-Sur Dunstan Attard għandhom jiltaqgħu kemm mad-ditta *TcTc* kif ukoll, mad-ditta *M.I.C.S.* sabiex jiġu organizzati *computer courses* għar-residenti.

**3.11.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li s-Sur Franco Naudi Direttur tad-ditta *Active Media Outdoor Advertising* permezz ta' *e-mail,* kien bagħat jirringrazzja lill-Kunsill talli laqa' l-proposti tiegħu sabiex jiġu nstallati *Pedestrian/Street Advertising Barriers* f'siti prinċipali fil-lokalita'.

**3.12.** L-*E.T.C.* bagħtet tinforma li ġiet estiża għal sitt xhur oħra, l-iskema Xogħol fil-Komunita' lil Joseph Wells.

**3.13.** B'referenza għall-ittra li ntbagħtet mis-Sur Anthony Azzopardi dwar talba ta' għajnuna finanzjarja dwar inċident fi Triq San Albert Gżira, l-Kunsill qabel unanimament, li l-pretenzjonijiet tas-Sur Azzopardi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk, il-Kunsill ma setax jilqa' t-talba tiegħu.

**3.14.** Ġie deċiż unanimament, li l-korrispondenza mibgħuta miċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ dwar Arbitraġġ Numru M1713/2008 – Rikorrent Dr George Said, tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill, Dott Edward Woods għall-attenzjoni tiegħu.

**3.15.** Tressqet il-kwotazzjoni mibgħuta mid-ditta J.F. Mallia Ltd dwar il-*meter* il-ġdid li jrid jiġi nstallat fil-bini tal-Kunsill Lokali għall-ammont ta' €713.37 inkluż il-VAT li tinkludi, *meter* ġdid, xiri, tqiegħid u nstallazzjoni, *trunking*, applikazzjoni u *consumer unit* iżda l-*enemalta fee* mhix inkluża.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid, li apparti l-ammont hawn fuq imsemmi, l-Kunsill irid iħallas ukoll għat-*3 phase.*

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kien diġa' raha din il-kwotazzjoni u ma setax jifimha għaliex skont l-informazzjoni li tah s-Sur Albert Galdes, il-Kunsill seta' juża l-istess sistema li wżaw huma u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li jekk il-Kunsill jaqbel, iġib persuna ta' konoxxenza tiegħu biex jispjegalu l-proċess senza nteressi.

Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi-Sindku.

**3.16.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-Kunsill jipparteċipa fil-wirja annwali bl-isem *'The Great Spring Show'* li ser tiġi organizzata s-Sibt 1 u l-Ħadd 2 ta' Mejju 2010, fil-ġonna u parti fil-palazz ta' San Anton. L-ammont huwa ta' €28.00 li jinkludi l-qoffa tal-Kunsill Lokali €23.30 għax-xiri tal-frott u l-ħxejjex u €4.66 lill-*Malta Horticultural Society*.

**3.17.** Wara li nqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsill Lokali Pembroke dwar il-konferenza ta' l-*ECAD* bejn it-22 u l-24 t' April 2010, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li jitħallas l-ammont ta' €200 kull sena għall-*membership* ta' l-organiżazzjoni *ECAD* kif ukoll, li l-Viċi-Sindku jattendi għall-konferenza hawn fuq imsemmija li ser issir fil-*Kempinski Hotel*, Għawdex għall-ammont ta' €315.00.

**3.18.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1673 sa Nru: 1728 (Ara *appendix* Nru: 2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill, dawn il-pagamenti:

- Transport – Sotto-Kumitat Anzjani – *Nazzareno Vassallo Award* Casa Arkati Mosta - €30.00

- *Eurodecor Ltd – Office Chair* - €229.69

- *J & K Contractors* – Maria Tereza Spinelli - €4,584.18

- *Guard & Warden Serv. Hse. – extra service* Triq D'Argens 09.04.2010 - €110.88

- *Intercomp Marketing Ltd* – T117590 - €3,079.80

- Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Laqgħa għas-Sindki – Gozo 14/15 May 2010 - €212.00

- Nathalie Camilleri – *Librarian re Books for Library* - €38.00

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1673 sa Nru. 1728 u l-ħlasijiet msemmija f'para 4.2. ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**4.4.** Ġie ppreżentat il-kont ta' l-*Accountant* Antoine Portelli għall-ammont ta' €2,362.50 li jkopri *Accountancy Services*, mill-1 t'April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 bir-rata ta' €375.00 fix-xahar iżda minn dan il-kont tnaqqas l-ammont ta' €1,012.50 (30%) minħabba li x-xogħol ma kienx għadu kollu lest.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li għalkemm il-kont intbagħat għas-sena finanzjarja jiġifieri minn April 2009 sa Diċembru 2009, l-kuntratt tiegħu kien beda' fil-25 ta' Mejju 2009.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, għandhom jinħarġu żewġ *invoices*, waħda skont il-kuntratt jiġifieri mill-25 ta' Mejju 2009 sa Diċembru 2009 u oħra mill-1 t'April 2009 sa l-24 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Insurance Policy*

**5.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*Insurance Policy* għall-perjodu 1 t'April 2010 sal-31 ta' Marzu 2011 għall-ammont ta' €3,029.03. Hi kompliet tgħid, li fl-*Eletronic Equipment Policy* jridu jiżdiedu:

*1 Dell R710 PowerEdge Server complete with UPS & Rack*
*1 Dell R200 PowerEdge Server complete with Asterisk PBX*
*8 Cisco SPA504G IP-Phones*
*2 Dell Latitude E5400 laptops*
*1 Sharp digital Photocopier*

iridu jitneħħew

*3 Dell Computers*
*1 Panasonic PABX*

Hi qalet ukoll, li mill-*Group Personal Accident Policy* jrid jitneħħa Patrick Grech u jiżdied Mattia Felice

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela ma' dak li qalet is-Segretarju Eżekuttiv u ma' l-ammont ta' €3,029.03

## 6. Sejħa għall-Offerti dwar Skart Imħallat

**6.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li it-*tender* hawn fuq imsemmi li kien ser jiġi ppubblikat, kien l-istess wieħed li rċieva kull membru tal-Kunsill permezz ta' *e-mail*.

Hi kompliet tgħid, li abazi tad-deċiżjoni meħudha fil-laqgħa preċedenti, ntbagħtet *e-mail* lis-Sur Silvio Frendo fejn intalbet il-gwida tiegħu jekk il-Kunsill jistax iżid klawsola mat-*tender* ta' skart imħallat li tgħid, li min jirbaħ dan il-kuntratt, ikun responsabbli għall-ġbir ta' l-iskart separat jew li tinħareg Sejħa għall-Offerti għall-ġbir ta' skart separat biss Ir-risposta kienet, li ma jista' jiġi nkluż xejn aktar fid-dokument u l-Kunsill għandu jidħol ma' waħda miż-żewġ skemi għall-ġbir ta' skart separat skont *Memo 28/2010*.

Il-Kunsill kien ser jaddotta l-proċedura tas-*Single Package* liema kuntratt, jammonta għal €330,000.00 skont il-gwida mogħtija u approvata fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti liema *working* tas-somma, ntbagħat fl-istess *e-mail* għall-attenzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal kull informazzjoni li ġiet inkluża fid-dokument b'referenza għall-paġni Nru:2- 4 – 8 – 13 – 14 – 17-18 – 20 – 25 – 26 – 34 – 40 – 41- 42. Qalet ukoll, li dan irid jiġi ppubblikat fil-gazzetti kollha nkluż l-*European Journal.*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, mad-dokument kif inhu, mas-somma kif inħadem l-ammont li ser jitnizzel fid-dokument u li l-pagament għal kull *tender* li tinġabar, ikun ta' €250.00

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tinxtara bandiera tal-Papa.

**7.2.** Il-Kunsill ma laqax it-talba li ressaq il-Kunsillier Malcolm Camilleri sabiex jitħaffru xi ħofor fi Triq D'Argens biex jiġu nstallati l-arbli tal-festa b'xi bnadar fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa, li kien ser jgħaddi minn din it-triq u dan minħabba l-fatt, li xi servizzi kienu għaddejjin minn taħt il-bankini fl-istess triq.

**7.3.** Il-Viċi-Sindku qal, li waqt il-preżentazzjoni li saret mill-Gvern Ċentrali t-Tlieta 30 ta' Marzu 2010, d-Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard, kien għamillu osservazzjoni dwar l-*area* ta' wara l-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira minħabba l-fatt, li hemm ħafna bozoz miksurin.

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra, ntqal li l-Awtorita' Marittima Maltija dejjem sostniet li hi responsabbli minn din l-*area* tant, li l-Kunsillier Ian Micallef qal, li fi żmien meta hu kien Sindku, t-talba li din it-triq tingħata isem ma ġietx milqlugħa minħabba l-oġġezzjoni ta' l-istess Awtorita, li din hi marina u mhux triq.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb ittra lid-Direttur hawn fuq imsemmi għall-gwida tiegħu.

**7.4.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu l-avviż dwar il-ġranet u l-ħin kemm ta' l-iskart imħallat kif ukoll, dak separat li deher fl-Impenn, minħabba l-importanza tiegħu, kellu jkun akbar.

Iċ-*Chairman* talab lill-membri tal-Kunsill biex iħejju l-artikli għall-ħarġa ta' l-Impenn li jmiss.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.50 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K089/119/10**

**6 April 2010 KLG5/41**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| **1673** | **GO plc inv. 23367657 – tel 322157 calls Feb Rent March 2010** | **251.00** | **6464** |
| **1674** | **GO plc inv.23366941 – tel 341616 calls Feb Rent March 2010** | **23.29** | **6466** |
| **1675** | **GO plc inv.23366931 – tel 334254 341034 calls Feb Rent March 2010** | **66.39** | **6465** |
| **1676** | **D.O.I. Advert Tender GLC001/2010 Re-surfacing Works** | **9.32** | **6467** |
| **1677** | **D.O.I. Advert Quotations Server/Rack PBX – IP phones p/copier Laptops** | **9.32** | **6414** |
| **1678** | **R.F. Centre inv.53303 – materjal re re presents Anzjani Jum il-Gżira** | **260.00** | **6432** |
| **1679** | **S. De Leonardo inv. 96 maintenance of air conditioners** | **40.00** | **6433** |
| **1680** | **Land Dept. Rent Ġnien inv.01229073 08.03.10 – 07.03.11** | **232.94** | **6438** |
| **1681** | **Melita plc inv.28081239 – T.V. Act. Centre 01.01.10 – 31.01.10** | **7.76** | **6434** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1682 | Melita plc inv.28142211 – T.V. Act. 01.02.10 – 28.02.10 | 7.76 | 6435 |
| 1683 | G4S Security Services (Malta) Ltd 4 trips C.I.T. Feb. 2010 inv.033995 | 30.44 | 6484 |
| 1684 | C.S.D. inv. Nos: 29712-29766-29883 29924-30008 Less C/N 29923 | 191.10 | 6485 |
| 1685 | Mita inv.SIN022854 Maint & Connect. Jan. – March 2010 | 416.85 | 6486 |
| 1686 | Env. Landscapes Cons. Ltd. – Feb 2010 inv.006007 maint of soft areas | 2212.92 | 6487 |
| 1687 | ITS inv.SIN100257 – Sage Pastel Cons. Job No: 012911 | 41.30 | 6488 |
| 1688 | Standard Publications Ltd –inv.69760 Adv. Locality call – 11.02.2010 | 46.26 | 6489 |
| 1689 | Sound Vision Print Ltd inv.12736 Adv. Locality call – 11.02.2010 | 88.03 | 6490 |
| 1690 | P.B.S. Contract No: 501995 inv. No: 2010001548 adv. Radju Malta l/call | 30.68 | 6471 |
| 1691 | Union Print Co. Ltd. Inv.A1002090 adv locality call 11.02.2010 | 48.24 | 6491 |
| 1692 | Squire B/shop inv. 7250 newspapers February 2010 | 37.00 | 6492 |
| 1693 | Alfa Co. Ltd. Inv.60251 copies and rentals – 13.01.10 – 12.02.10 | 117.07 | 6493 |
| 1694 | Media Link Comm. Inv.043098 advert locality call 11.02.10 | 54.75 | 6494 |
| 1695 | D.O.I. ref: 031D/10 advert locality 11.02.2010 | 9.32 | 6948 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1696** | **The Toolbox inv.Nos: 9351 – 9419 9429** | **97.41** | **6495** |
| **1697** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12565 Job No: 8329 Traffic Signs** | **146.11** | **6496** |
| **1698** | **J.F. Mallia inv.344 – Job Nos: 119 120 – 121** | **123.65** | **6497** |
| **1699** | **Seg. Permanenti OPM re advert I.T. Quotations GLC001 – 002 -003/10** | **47.00** | **6468** |
| **1700** | **Alfred Portelli Contract Manager fee Jan. Feb. March 2010** | **745.42** | **6475** |
| **1701** | **Dr. E. Woods Legal Advisor fee Jan. – Feb. March 2010** | **494.76** | **6498** |
| **1702** | **Joe Borg invoice No: 11 Duck Food March 2010.** | **46.59** | **6499** |
| **1703** | **Em. Mifsud – invoice No: 20 Door to Door Collection March 2010** | **5590.50** | **6500** |
| **1704** | **Em. Mifsud – invoice No: 21 Hire of Skips March 2010** | **432.87** | **6501** |
| **1705** | **Em. Mifsud – invoice No: 22 Public Convenience March 2010** | **836.06** | **6502** |
| **1706** | **Em. Mifsud – invoice No: 23 Bulky Service – Feb. 163 calls** | **892.27** | **6503** |
| **1707** | **Steve R. Farrugia – inv. 218 Sweeping grass cutting – mech. Sweeper** | **4665.72** | **6504** |
| **1708** | **Steve R. Farrugia – inv. 219 Sunday Serv. February 2010** | **378.52** | **6505** |
| **1709** | **Ms Nathalie Camilleri – Librarian Services March 2010** | **139.92** | **6507** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1710** | **Ms Alexandra Galea – Crafts Lessons invoice 05 March 2010** | **375.00** | **6474** |
| **1711** | **d'Aniens Dev. Ltd – bilanċ pendenti re kera 01.11.09 – 31.10.10** | **508.50** | **6469** |
| **1712** | **Joe Bugeja r.f.p. 457 – Services Feb. 2010** | **1209.74** | **6531** |
| **1713** | **Melita plc invoice 28292054 – 01.03.10 30.04.10** | **23.30** | **6470** |
| **1714** | **Melita plc inv.28375308 – Hello Serv. usage 29.01.10-05.03.10 rent 8.03-7/04/10** | **97.87** | **6472** |
| **1715** | **Alfa Co. Ltd inv. 60689 Eco tax for toner** | **2.75** | **6508** |
| **1716** | **Waste Serv. Inv.56554 Recyclable waste for February 2010** | **3666.24** | **6509** |
| **1717** | **Allied N/papers – inv.AS1386827 adv. tender GLC001/2010 Re-surfacing** | **86.14** | **6510** |
| **1718** | **Paparukei Catering Attivita' Ġnien 31.10.09** | **214.29** | **6511** |
| **1719** | **Media Link – Adv. Tender GLC001/2010 Resurfacing Works** | **68.44** | **6512** |
| **1720** | **Joe Bugeja r.f.p. 481– Services 04.01. 08 – 14.01.08** | **240.59** | **6532** |
| **1721** | **Joe Bugeja r.f.p. 482 – Services 15.01. 08 – 23.01.08** | **646.12** | **6533** |
| **1722** | **3 D Delivery Order No: 501- Distribution of Council magazine on 30.03.2010** | **210.93** | **6513** |
| **1723** | **Env. L/Scapes Cons. Ltd. Inv. 006109 Maint of soft areas – March 2010** | **2212.92** | **6514** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1724** | **S. Rausi – inv. 11117730 & 91001917 Drinking Water** | **26.98** | **6521** |
| **1725** | **Data Protection Commissioner period July 2009 – July 2010** | **23.29** | **6515** |
| **1726** | **Gżira Boċċi Club – Billiard Tournament ref letter 12.02.2010** | **120.00** | **6527** |
| **1727** | **B.D.L. invoice No: 150748 – Books for Public Library** | **115.91** | **6523 pt** |
| **1728** | **Media Link Comm. Book for P/Library** | **6.00** | **6523 pt** |